# Limerikki (iii)

**430.**

Kien hemm darba raġel f'Ħal Gamar,
li kellu ras kbira bħall-qamar,
ras kbira mimlija
b'miljun elf ħmerija,
mhux vojta jew niesfa bħall-qamar.

**431.**

Kien hemm darba raġel minn Garra,
idoqq fuq ix-xatt il-kitarra,
il-ħut kien jinġabar,
u fuq wiċċ il-baħar
ikanta mad-daqq tal-kitarra.

**432.**

Kien hemm qassis ġuvni f'Għajn Trietaq
li waqqaf il-kor tal-għawwietaq;
u libes iċ-ċnetta,
u qabad bakketta,
u għaxxaq lin-nies ta' Għajn Trietaq.

**433.**

Kien hemm mara twila f'Ħal Far
li għamlet lil xagħarha kampnar
bħal Mina tallum;
l-irġiel bis-sellum
jitilgħu biex jilħqu l-kampnar.

**434.**

Kien hemm darba xwejjaħ f’Ħal Fati,
kien joqgħod fid-dar tal-Fatati,
kien joqgħod isajjar,
u l-bżieżaq itajjar,
u fuqhom jittajru l-Fatati.

**435.**

Kien hemm darba mara l-Mellieħa,
bħax-xemx kienet ħelwa u sabiħa,
li toħroġ mat-triq
fuq karru miżwieq,
miġbud mill-għajnejn tal-Mellieħa.

**436.**

Kien hemm darba raġel minn Bomba,
għajnejh jaqbżu ’l barra bħal tromba,
jirfidhom bi staffa,
inkella fuq xkaffa,
u jnemmes lin-nisa ta’ Bomba.